**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-8 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 20/2010

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Victor Aquilina)

**kontra**

**CLYDE BONAVIA**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 410684(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Clyde Bonavia**, ta' 25 sena, bin Anthony u Emanuela nee' Brincat, imwieled il-Pieta' fid-9 t'Awwissu 1984, residenti f'numru 10, Fuq Verdala, Cospicua, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 410684(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Gunju 2006, fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin (CCF) f'Rahal il-Gdid:

1. Kellu fil-pussess teighu d-droga eroina eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-

licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kenitx ghl uzu esklussiv tieghu;

2. talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita legittima dahha jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-hans u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, oggett ikun li jkun u specifikatament medicina perikoluza (droga eroina) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-artikolu 6(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;
3. talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, Magt. Dr. N. Cuschieri LL.D. datata 09/047/2003 u Ordni ohra moghtija mill-Magst. Dr. L. Quintano LL.D. datata 05/07/2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;
4. u fl-ahharnet talli b'hekk irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat it-18 ta' Jannar 2010, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 2 tal-atti processwali

Il-kaz odjern jirrisali lura ghas-17 ta' Gunju 2006 meta qabel il-*fall-in* ta' filghodu gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin saret spezzjoni goc-cella 73, Division 2 li dak iz-zmien kienet tappartjeni lil Clyde Bonavia, li kien prezenti waqt it-tfittxija. Waqt din it-tfittxija l-ufficjali gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabu taht is-saqqu sebgha pakketti kontenenti suspettata droga eroina u turnavit. Dawn l-oggetti gew elevati u mghoddija lill-pulizija tal-ghassa tar-Rahal il-Gdid. Min-naha taghhom il-pulizija nfurmaw lill-Magistrat tal-Ghassa li ordna li ssir inkjesta. L-espert Godwin Sammut li analizza s-sustanza elevata mic-cella ta' Bonavia kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 436_06_01, nstabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.17 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[2]

Dakinhar stess ta' din is-sejba l-qua imputat Clyde Bonavia rrillaxxa stqarrija guramentata ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn iddikjara li huwa kien ilu madwar hames snin jikkonsma s-sustanza eroina. Jghid li l-ahhar li kkonsma s-sustanza eroina kien madwar xahar jew xahrejn qabel gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Din is-sustanza huwa kien jixtrieha minghand certu Nagi, ukoll detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, li kien izommha mohbija gewwa radio portable li kien dejjem jigri bih. Minghand l-imsemmi Nagi, l-qua imputat kien jixtri madwar pakkett kuljum u ghal dan l-imputat kien jaghti lil Nagi erba' boroz tabakk jew Golden Virginia jew Drum li kien jinxtraw minn gewwa l-habs stess. Bonavia jispjega li huwa kien ghad kellu d-dejn ma Nagi fejn ried itih erba' boroz. Huwa ddikajra bil-gurament li d-droga li nstabet taht is-saqqu tieghu ma kinitx tieghu u li ma kienx konsapevoli taghha. Spjega ukoll li dawn setghu tpoggew hemmhekk minn Wahid fuq struzzjonijiet minghand Nagi l-ghaliex xi ftit tal-jiem qabel Bonavia kien informa lis-Surgent li Nagi kellu s-sustanza eroina mohbija fir-radio u habba f'hekk saritlu tfittxija u fil-fatt sabulu d-droga f'dan ir-radio. Jghid li huwa kien osserva lil dan Wahid jidhol f'cella ta' inmate iehor b'pakketti f'idejh u ghaldaqstant l-qua imputat kien qed jibza li jaghmlu xi haga simili lilu jew jaghmlulu xi haga mal-ikel ghax Nagi jahdem fil-kcina. Bonavia kkonferma ukoll bil-gurament li qabel ma mar biex jigguramenta l-istqarrija, Nagi tramite terza persuna (li huwa ma xtaqx jikxef) kien offrielu l-flus sabiex ma jixhedx.

Din il-Qorti hija konsapevoli li din l-istqarrija guramentata ittiehdet fis-sena 2006 fejn il-qua imputat ma nghatax id-dritt ghall-assistenza legali la qabel u lanqas waqt it-tehid tal-istqarrija. Madanakollu l-istqarrija guramentata tal-imputat ser tittiehed in konsiderazzjoni favur l-imputat limitament fid-dawl ta' dikjarazzjonijiet li ghamel l-imputat li s-sustanza eroina ma kinitx tieghu u dana

[2] Fol. 17 ta' dok. JM1

ukoll fid-dawl ta' provi ohra (hekk kif ser jigi spjegat izjed il-quddiem). Ghaldaqstant l-uzu tal-imsemmija stqarrija indubbjament ma hux ser ikun b'lezzjoni ghad-drittijiet fundamentali tal-imputat. B'referenza ghal dawk il-partijiet tal-istqarrija guramentata fejn l-imputat ammetta ghall-pussess semplici tad-droga eroina fil-habs ghall-perjodu ta' xahar jew xahrejn qabel is-17 ta' Gunju 2016, fil-fehma ta' din il-Qorti dan ir-reat ma jista' qatt jirrizulta tenut kont li ma jinkwadrax fil-parametri taz-zmien indikat fic-citazzjoni mill-prosekuzzjoni.

Fil-mori tal-proceduri kien ittella sabiex jixhed certu David Vella li fiz-zmien tal-fatti odjerni kien detenut ukoll fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Wara li gie mwissi bid-drittijiet tieghu t-testimonjanza ta' Vella kienet giet sospiza sakemm jiehu parir legali. Sakemm reggha gie ingunt sabiex jissokta bix-xhieda tieghu, l-ufficjal prosekutur informa lil din il-Qorti li huwa miet. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' David Scerri. Scerri bil-gurament ikkonferma li huwa kien maggur fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Jghid li f'dik il-kapacita' huwa kien gie mghajjat mill-avukat tal-ghajnuna legali li kien qed jassisti lil David Vella bil-ghan li jisma' lil David Vella jiddikjara li d-droga misjuba fic-cella tal-qua imptuat ma kinitx tal-imputat izda kien poggieha hu. Din ix-xhieda hija indubbjament *detto del detto*. Il-kazistika tal-Qrati Kriminali lokali b'mod konsistenti irritennew li din it-tip ta' prova li gieli ssir referenza ghaliha bhala hearsay, ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rraportat li ntqal izda hi prova li dak rrapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi, data u post li ntqal. Ghaldaqstant din it-tip ta' prova mehuda ma provi u cirkostanzi ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament holistiku li trid taghmel il-Qorti dwar ir-reita' tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza mghotija fit-28 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi</u> ntqal:

> *"18. ... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal*

*dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ixxiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.*

*19. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu listess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad millewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għallgħanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat...."*

Rigward il-mertu tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jibda biex jinghad li l-partijiet (inkluz id-difiza) ma humiex qed jikkontesta li nstabu sebgha pakketti bis-sustanza eroina taht is-saqqu tas-sodda tac-cella tal-qua imputat. Madanakollu immedjatament mas-sejba ta' din is-sustanza l-imputat insista li din ma kinitx tieghu u li kienet giet impoggieha hemm minn haddiehor bhala ritaljazzjoni in segwietu ghal rapport li kien ghamel fil-konfront ta' persuna ohra mal-Awtoritajiet tal-habs. L-imputat ikkonferma dak li qal bil-gurament. Il-prosekuzzjoni affrontata b'din il-prova talbet li jigu elevati l-impronti digitali minn fuq il-pakketti kontenenti s-sustanza llegali bil-ghan li sussegwentament dawn jigu kkomparati mal-impronti tas-subghajn tal-imputat. Madanakollu dan ta' rizultat fin-negattiv. Fil-mori tal-proceduri tressaq sabiex jixhed David Vella u stante l-biza li jinkrimina lilu nnifsu, t-testimonjanza tieghu giet sospiza sabiex jiehu parir legali madanakollu nel frattemp ix-xhud miet. Nonostante dan, din il-Qorti ghandha ukoll prova li l-imsemmi David Vella qal li l-imsemmija sustanza ma kinitx tal-qua imputat. Ghalkemm dan il-kliem ma jistghax jitqies bhala prova tal-kontenut tieghu, din il-Qorti ma tistax tinjora li l-imputat qal dan id-diskors quddiem ix-xhud David Scerri fl-isfond tal-bqija tal-provi li ghandha quddiemha. Dan iktar u iktar meta l-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jaghmlu t-tfittxija xehdu li c-cella tal-qua imputat ma kinitx maghluqa u ghaldaqstant terzi setgha kellhom l-access ghaliha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-assjem ta' dawn il-

provi jikkrejaw dubbju dwar jekk verament din is-sustanza kinitx tal-qua imputat u jekk il-qua imputat kellux ix-xjenza necessarja ghal dan il-pussess. Dan id-dubbju ghandu jmur favur l-imputat. Konsegwentament l-imputat ser jigi illiberat mill-ewwel imputazzjoni.

In kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tirrileva li hija sprovista minn kwalunkwe prova li tindika li l-qua imputat dahal oggett projbit gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni ukoll.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat din il-Qorti ukoll ser tillibera lill-imputat minnhom fuq nuqqas ta' provi.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur